MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 172/2002/1

**Avviz Nru 172/02 DM**

**Medairco Limited**

**vs**

**L-Avukat Dottor Jeremy J. Debono**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li l-Qorti:-
1 tiddikjara illi l-atturi mhumiex debituri tal-konvenut fl-ebda ammont pretiz minnhu bhala drittijiet professjonali u dana billi hu gia' thallas ghas-servizzi professjonali resi minnhu a bazi tal-ftehim ossia "retainer" li kien hemm esistenti bejnu u l-atturi u dana sakemm l-istess ftehim baqa fis-sehh u konsegwentement;
2 tordna li l-garanzija bankarja depositata permezz ta' cedola ta' depositu numru ppresentat kontestwalment ma dawn il-proceduri, sabiex jinhareg il-

kontro-mandat ghall-mandat ta’ sekwestru li jgib in-numru 592/02 fl-ismijiet *Avukat Dottor Jeremy J. Debono - vs - Medairco Co Ltd,* tigi rilaxxata a favur l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk relatati mac-cedola ta’ depositu numru u r- rikors u kontro mandat opportun u b’riserva ghall-kull azzjoni ta’ danni kontra l-istess konvenut.

Ghal-finijiet ta’ kompetenza qed jigi ddikjarat li l-ammont mertu tal-kwistjoni ma jeccedix l-elfejn u tletin lira Maltin.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Av Dr Jeremy Debono fejn eccepixxa illi:-

1 Preliminarjament in-nullita tal-proceduri odjerni stante li s-socjeta attrici istitwiet dawn il-proceduri ferm wara li kien skada ix-xahar moghti lilha mill-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici oltre li hija perenta, hija ukoll dekaduta b’dan l-imsemmi Artikolu tal-ligi;
2 Fit-tieni lok, u ukoll in linea preliminari, in-nullita tal-proceduri odjerni stante li l-azzjoni sabiex wiehed jattakka taxxa ta’ spejjez gjudizzjarji kellha issir permezz ta’ rikors u mhux b’citazzjoni u dan skond l-Artikolu 64 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap 12;
3 Fit-tielet lok it-tassazzjoni li saret mill-Qorti hi korretta u saret skond il-ligi;
4 Fir-raba’ lok, it-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici stante li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar is-servizzi, zejda, rezi mill-konvenut lis-socjeta attrici.
5 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-19 ta’ Gunju, 2002 fejn giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Jeremy J. Debono pprezentata fl-20 ta’ Gunju 2002.

Rat id-decizzjoni taghha tal-1 ta' Novembru 2002 fejn kienet irrespingiet l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez riservati a gudizzju finali;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut li timplika nullita' tal-proceduri odjerni stante illi l-atturi ma wzawx il-proceduri dettati mill-ligi biex tigi attakata taxxa ta' spejjez gudizzjarji, japplikaw l-istess ragunijiet u motivi moghtija minn din il-Qorti fid-decizjoni taghha precidenti tal-1 ta' Novembru 2002 fejn effettivament iddecidiet illi l-azzjoni li qedghin jezercitaw l-atturi mhiex l-azzjoni ikkontemplata mill-Artikolu 64 tal-Kodici tal-Organizazzjoni tal-Procedura Civili u ghalhekk mhix applikabbli ghal din l-azzjoni l-procedura dettata mill-imsemmi Artikolu.

Infatti l-atturi, notifikati legalment bit-taxxa tad-drittijiet u spejjez estra gudizzjarji li qieghed jippretendi l-konvenut u dan permezz tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Novembru 2001, ma attakkawx dik it-taxxa mahruga mir-registru tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili la fejn jirrigwarda r-rati addottati u lanqas fejn jirrigwarda l-konteggi maghmula; izda attakkaw biss id-dritt tal-konvenut illi jesigi minn ghandhom dawk id-drittijiet u spejjez estra gudizzjarji li qed jippretendi li ghandu jiehu.

Infatti wkoll f'dawn il-proceduri l-atturi ma humiex qedghin jikkontestaw il-pretensjoni tal-konvenut illi effettivament huwa kien ippresta lilhom is-servizzi estra gudizzjarji elenkati fin-nota tieghu quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tal-1 ta' Novembru 2001, u lanqas ma jikkontestaw illi d-drittijiet u l-ispejjez, li se mai kienu jkunu dovuti ghall-

istess prestazzjonijiet, kienu jammontaw ghas-somma mitluba mill-konvenut; izda l-kontestazzjoni attrici tirrigwarda biss l-allegat ftehim illi kien sar bejn l-atturi u l-konvenut permezz ta’ liema l-kontendenti kienu lahqu ftehim illi l-konvenut kellu jippresta dawk is-servizzi professjonali kollha li kienu jesigu l-atturi a bazi ta’ ftehim ta’ ‘retainer’ li effettivament gie regolarment imhallsa mill-istess atturi.

Ghalhekk dak li trid tezamina l-Qorti hu effetttivament jekk l-atturi waslux ghal prova illi, ghal prestazzjoni ta’ servizzi estra gudizzjarji li rrendilhom il-konvenut, huma ghandhom jigu tenuti li digia’ hallsu dak kollu illi kien stipulat fill-ftehim allegat minnhom.

Min-naha tieghu l-konvenut jaccetta illi effettivament kien hemm ftehim li a bazi tieghu kellhu jithallas ‘retainer fee’ minghand il-kumpanija attrici, izda huwa jsosstni illi din ir-‘retainer fee’ kien qieghed jircieviha biex jippresta servizzi ta’ ‘debt collection’ u mhux biex jaghti prestazzjonjiet u servizzi estragudizzjarji in konnessjoni ma kwalunkwe xoghol iehor li setghet tesigi minn ghandhu l-kumpanija attrici jew id-diretturi taghha.

Min-naha taghhom l-atturi strahu esklussivament fuq id-deposizzjoni ta’ Anthony Migneco, direttur tal-kumpanija attrici, li min-naha tieghu sosstna illi r-rata fissa ta’ Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) fix-xahar li kellu jithallas il-konvenut, kienet qed tithallas mhux biss ghal servizzi ta’ ‘debt collecting’ izda biex huwa, il-konvenut, ukoll jaghti servizzi ohra illi l-kumpanija kienet tirrikjedi minn ghandu.

Pero’ din l-allegazzjoni mhux biss hija kontradetta mill-konvenut, izda il-konvenut gie effettivament ikkorroborat fl-allegazzjoni tieghu minn Dr Italo Ellul u Stephen Balzan illi tax-xoghol estragudizzjarju huwa kellhu jithallas separatament. Dr. Ellul ddikjara li kien prezenti fil-laqghat fejn l-atturi kienu anke accettaw illi s-servizzi estragudizzjarji involuti ma kienux komprizi f’dawk is-servizzi illi l-konvenut kien mistenni li jaghti minhabba r-‘retainer’ li kien ircieva, u Stephen Balzan, ‘accountant’ specifika fid-dettal illi s-servizzi estragudizzjarji in kwistjoni

ma kellhom x'jaqsmu xejn ma 'debt collecting' jew gbir ta' krediti li kellha tiehu l-kumpanija attrici.

Izda dak illi effettivament jissoda l-allegazzjoni tal-konvenut hija effettivament l-ittra stess spedita mill-atturi lilhu fis-7 t' Awissu 2001, (dokument JJ2 a fol 30 tal-process), fejn l-istess Anthony Migneco, in rapprezentanza tal-kumpanija attrici, meta huwa informa lill-konvenut li ma kellux bzonn is-servizzi tieghu li kellhom jinghataw a bazi tal-ftehim li kellhom dwar ir-'retainer', kien irrefera ghal dawn is-servizzi esklussavament bhala servizzi ta' gbir ta' krediti.

Infatti kien kiteb illi "*we are writing to inform you that your services with regards to debts collection are no longer required".*

Ghalhekk il-Qorti tiddecidi illi l-ftehim tal-konvenut inizjalment raggunt mal-kumpanijia attrici dwar il-hlas ta' 'retainer' ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) fix-xahar, kien esklussivament jirrigwarda servizzi ta' gbir ta' krediti u ma kienx jikkomprendi wkoll servizzi ohra estragudizzjarji li l-kumpanija setghet titlob minn ghand il-konvenut minn zmien ghal zmien. Ta' dawn is-servizzi estragudizzjarji, l-konvenut ghandhu dritt jithallas u l-ammont dovut gie definittivament u rrevokabilment stabbilit mit-taxxa mahruga mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u esibita f'dawn l-atti, liema taxxa ma gietx ikkontestata mill-atturi bil-procedura stabbilita u ghaldaqstant il-Qorti qedgha tirrespingi t-talbiet tal-atturi;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------